3) L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha relatati kemm mal-ewwel istanza fil-Kawża T-817/17 kif ukoll mal-proċedura tal-appell, dawk sostnuti minn BoudewijnSchokker relatati ma' dawn l-istess proċeduri.

(1) ĠU C 255, 29.7.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-4 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Oberlandesgericht Koblenz – il-Ġermanja) – Remondis GmbH vs Abfallzweckverband Rhein-Mosel-Eifel**

**(Kawża C-429/19)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kuntratti pubbliċi – Direttiva 2014/24/UE – Artikolu 12(4) – Kamp ta' applikazzjoni – Kuntratti pubbliċi bejn entitajiet fis-settur pubbliku – Kunċett ta' "kooperazzjoni" – Assenza)***

(2020/C 262/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Koblenz

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Remondis GmbH

*Konvenut:* Abfallzweckverband Rhein-Mosel-Eifel

### Dispożittiv

L-Artikolu 12(4)(a) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li kooperazzjoni bejn awtoritajiet kontraenti ma tistax tkun ikkaratterizzata meta awtorità kontraenti, li fit-territorju tagħha hija responsabbli minn funzjoni ta' interess pubbliku, ma twettaqx hija stess din il-missjoni li hija responsabbli għaliha biss skont id-dritt nazzjonali u li teħtieġ it-twettiq ta' diversi operazzjonijiet, iżda tinkariga awtorità kontraenti oħra, li ma tiddependix minnha u li hija wkoll responsabbli għal din il-funzjoni ta' interess pubbliku fit-territorju tagħha stess, biex twettaq waħda mill-operazzjonijiet meħtieġa għal remunerazzjoni.

(1) ĠU C 288, 26.08.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-4 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunalul Cluj – ir-Rumanija) – SC C.F. SRL vs A.J.F.P.M., D.G.R.F.P.C**

**(Kawża C-430/19)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni – Rispett tad-drittijiet tad-difiża – Proċedura fiskali – Eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Rifjut tad-dritt għal tnaqqis minħabba l-aġir allegatament inadegwat tal-fornituri tal-persuna taxxabbli – Att amministrattiv maħruġ mill-awtoritajiet fiskali nazzjonali mingħajr ma jagħtu lill-persuna taxxabbli kkonċernata l-aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti li jservu ta' bażi għall-imsemmi att – Suspett ta' frodi fiskali – Prattika nazzjonali li tissuġġetta l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis għaż-żamma ta' dokumenti oħra ta' sostenn minbarra l-fattura fiskali – Ammissibbiltà)***

(2020/C 262/12)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### Qorti tar-rinviju

Tribunalul Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SC C.F. SRL

*Konvenuti:* A.J.F.P.M., D.G.R.F.P.C

**Dispożittiv**

1) Il-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża għandu jiġi interpretat fis-sens li jekk, fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi nazzjonali ta' kontroll u ta' determinazzjoni tal-valur taxxabbli tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), persuna taxxabbli ma kellhiex il-possibbiltà li taċċedi għall-informazzjoni li tinsab fil-fajl amministrattiv tagħha u li ttieħdet inkunsiderazzjoni waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni amministrattiva li timponi fuqha obbligi fiskali addizzjonali, filwaqt li l-qorti adita tikkonstata li, fl-assenza ta' din l-irregolarità, il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti, dan il-prinċipju jeżiġi li l-imsemmija deċiżjoni tiġi annullata.

2) Il-prinċipji li jirregolaw l-applikazzjoni, mill-Istati Membri, tas-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), b'mod partikolari dawk ta' newtralità fiskali u ta' ċertezza legali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu li, fil-preżenza ta' sempliċi suspetti mhux issostanzjati tal-amministrazzjoni fiskali nazzjonali fir-rigward tat-twettiq effettiv tat-tranżazzjonijiet ekonomiċi li wassal għall-ħruġ ta' fattura fiskali, il-persuna taxxabbli li hija d-destinatarja ta' din il-fattura tiġi rrifjutata d-dritt għal tnaqqis tal-VAT jekk ma tkunx tista' tipproduċi, minbarra l-imsemmija fattura, provi oħra tar-realtà tat-tranżazzjonijiet ekonomiċi mwettqa.

---

([1]) ĠU C 288, 26.8.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-4 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Okręgowy w Poznaniu – il-Polonja) – Kancelaria Medius SA z siedzibą w Krakowie vs RN**

**(Kawża C-495/19)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Artikolu 7(1) – Kreditu għall-konsum – Stħarriġ tan-natura inġusta tal-klawżoli – Assenza ta' dehra tal-konsumatur – Portata tar-rwol tal-qorti)***

(2020/C 262/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Okręgowy w Poznaniu

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Kancelaria Medius SA z siedzibą w Krakowie

*Konvenut:* RN

**Dispożittiv**

L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li timpedixxi lill-qorti adita b'rikors, ippreżentat minn bejjiegħ jew fornitur kontra konsumatur u li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, u li tiddeċiedi fil-kontumaċja, fl-assenza ta' dehra ta' dan il-konsumatur għas-seduta li għaliha huwa ġie msejjaħ, milli tadotta l-miżuri istruttorji neċessarji sabiex tevalwa *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali li fuqhom il-bejjiegħ jew il-fornitur ibbaża t-talba tiegħu, meta din il-qorti jkollha dubji dwar in-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli, fis-sens tal-imsemmija direttiva.

---

([1]) ĠU C 337, 7.10.2019.